# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar It-Tnejn 12 ta' Gunju 2017**

**Numru 7**

**Rikors numru 1118/09 JPG**

**Joseph u Maria Victoria konjugi Borg**
**v.**

**(1) Onorevoli Prim Ministru**
**(2) Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**
**(3) Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta**

Preliminari

1. Dan hu provvediment dwar eccezzjoni ta' rikuza sollevata mir-rikorrenti permezz ta' nota pprezentata minnhom fl-20 ta' Frar 2017, li permezz taghha ssottomettew illi:

> "...wara li ntebhu li r-Regolamenti li qeghdin jigu impunjati, l-Avviz Legali 200 tal-2009, kienu gew approvati u kien inghata parir dwarhom mill-Avukat Generali fis-sena 2009 qabel ma dawn ir-Regolamenti dahlu fis-sehh, u dan in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet "Maria Victoria Borg et vs Sindku u Segretarju Ezekuttiv in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali

> Pieta` (949/2004)"[1], l-appellanti qeghdin jissollevaw l-eccezzjoni tar-rikuza tas-Sinjurija Tieghu l-President ta' din l-Onorabbli Qorti biex jistharreg Avviz Legali li kien gie approvat minnu stess meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Generali ta' Malta".

Fatti rilevanti

2. Jibda biex jigi osservat illi in segwitu ghan-nota tar-rikorrenti hawn fuq riprodotta, waqt l-udjenza tal-20 ta' Frar 2017, il-President tal-Qorti ddikjara illi "*hu ma jaf li ta ebda parir jew li b'xi mod minimament gie kkonsultat dwar l-Avviz Legali 200/09*".

3. Waqt l-istess udjenza, il-Qorti staqsiet lill-Avukat Dottor Tonio Azzopardi ghar-rikorrenti jekk huwa ghandux xi prova x'jipproduci in sostenn ta' dak allegat minnu fin-nota tieghu, jew ahjar li l-Avvizi Legali ikkontestati "*kienu gew approvati u kien inghata parir dwarhom mill-Avukat Generali fis-sena 2009 qabel ma dawn ir-Regolamenti dahlu fis-sehh*".

4. Dr Tonio Azzopardi ghar-rikorrenti spjega illi:

> "l-Avukat Generali huwa l-Avukat tal-Gvern, illi dak li jaghmlu l-Avukati li jahdmu fl-Ufficcju tal-Avukat Generali jkunu qeghdin jaghmluh f'isem l-Avukat Generali ta' Malta, illi l-Avvizi Legali jinhargu mill-Ministru koncernat, illi l-konsulent legali tal-Ministru tal-Gvern koncernat huwa l-Avukat Generali, illi l-Avviz Legali 200/09 gie fis-sehh fl-istess sena u ftit wara li inghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Mejju

[1] F'din is-sentenza l-Qorti tal-Appell ikkonfermat sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li ddecidiet inter alia: *"...li l-impozizzjoni ta' zona riservata ghar-residenti hija 'ultra vires' is-setghat moghtija lill-Kunsill Lokali li jaghmel 'bye-laws' a tenur ta' l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali fuq dan l-aspett, minbarra li hija mizura preferenzjali...."*

2009 imsemmija fin-Nota, illi l-kwistjoni tirrigwarda l-materja ta' parking riservat ghar-residenti, materja din li kienet tittratta kontroversja nazzjonali li damet ghaddejja bosta xhur u li inkiteb hafna dwarha fl-Istampa, u ghalhekk qed jippresumi illi l-Avukat Generali qua Avukat tal-Gvern ta' Malta kien b'xi mod jew iehor involut. Apparti dan l-Avukat Tonio Azzopardi jhoss illi hija mankanza li fl-Ufficcju tal-Avukat Generali ma jigux registrati l-pariri anke verbali illi jinghataw f'dak l-ufficcju, u ghalhekk hafna drabi l-Qorti jkollha toqghod fuq id-dikjarazzjonijiet ta' wiehed mill-kontendenti".

5. Mistoqsi ghal darb'ohra mill-Qorti jekk ghandux xi provi li jixtieq igib 'il quddiem in sostenn ta' dak allegat minnu fir-rikors tieghu peress li l-verbal tieghu ma jwegibx ghall-kwezit li ghamlitlu l-Qorti, Dr Tonio Azzopardi ghar-rikorrenti jiddikjara illi:

> "peress li l-komunikazzjonijiet bejn il-Ministri tal-Gvern u l-ufficcju tal-Avukat Generali huma privileggjati, hu qatt ma jista' jkun f'posizzjoni li jkun a konoxxenza tal-pariri li jinghataw izda b'daqshekk huwa xorta wahda jhoss li jista' jasal ghall-konkluzzjonijiet, u jista' jigri wkoll illi l-gudikant koncernat, ikun min ikun, ikun nesa bit-trapass taz-zmien li jkun ta parir. Dr. Tonio Azzopardi jiddikjara li ma ghandux prova tangibbli salv il-premess".

6. Fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 2017, inghad is-segwenti:

> "Dr. Abigail Caruana b'referenza ghall-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar, 2017 li mill- files tal-Avukat Generali u tal-Ufficcju tal-Prim Ministru u tal-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura ma jirrizultax li inghata xi parir bil-miktub jew oralment dwar il-kwistjoni mertu ta' dan l-appell mill-President tal-Qorti meta kien jokkupa l-ufficcju tal- Avukat Generali u anqas bhala avukat fl-ufficcju tal-Avukat Generali u anqas jirrizulta li l-ufficcju tal-Avukat Generali ta xi parir dwar l-istess mertu.
>
> "Dr. Ivan Gatt ghall Awtorita' tat-Trasport jiddikjara li mir-records tal-Awtorita tat-Trasport ma rrizultax li l-President tal-Qorti la bhala Avukat Generali u anqas bhala avukat fl-ufficju tal-Avukat Generali u anqas xi hadd mill-ufficju tal-Avukat Generali qatt taw xi parir bil-miktub jew oralment dwar il-mertu ta' dan l-appell.
>
> "Dr. Tonio Azzopardi ghall-appellanti izomm ferma l-eccezzjoni ta rikuza fil-konfront tal-President tal-Qorti".

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

7. L-Artikolu tal-Ligi rilevanti ghall-eccezzjoni odjerna huwa dak kontemplat fl-Artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula:

> "(1) L-Imhallef jista' jigi rikuzat jew jastjeni ruhu milli joqghod fil-kawza:
> ...
> "(d)(i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kullħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha".

8. In vena legali ssir referenza ghad-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Dr Joseph Zammit Tabona et vs. Direttur Generali tal-Qrati et**, moghtija fil-25 ta' Novembru 2016, fejn inghad:

> "11. Fir-rigward jinsab ritenut:
>
> > "... … … Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jieħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli.".[2]

9. Inghad ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Antonio Pace et vs Rev Henry Abela OP et noe** deciza 26 ta' Frar 2009 illi:

[2] Ara kazistika citata b'approvazzjoni fil-kaz App.Inf. **Gordon Grixti Fino v. St.Patrick's Salesian School**, deciz 30 ta' Settembru 2015

> "[Ir-rikuza] Hu rimedju li għandu jingħata biss wara li jirriżulta b'mod konkret, u mhux biss ipotetikament, li tassew ragonevolment u oggettivament hemm jew jista' tassew ikun hemm lok ta' parzjalita' fil-gudikant li jkun[3]". [sottolinear tal-Qorti]

10. Ferm il-premess, din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-kontenut tan-nota tar-rikorrenti datata 20 ta' Frar 2017 (iktar 'il fuq riprodotta). Tat ukoll il-piz misthoqq lid-dikjarazzjoni tal-President tal-Qorti tal-istess data, li permezz taghha qal li hu ma ta ebda parir jew b'xi mod gie kkonsultat dwar l-Avviz Legali in kwistjoni. Hadet ukoll konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet maghmula mid-difensuri tal-intimati, wara konsultazzjoni u tfittxija fl-ufficcji taghhom, li ma taw ebda riskontru pozittiv ghal dak allegat mir-rikorrenti.

11. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-eccezzjoni ta' rikuza mressqa mir-rikorrenti ma ghandha ebda bazi konkreta u hija bbazata biss fuq ipotezi u, ladarba ma ngabu ebda provi konkreti li jistghu jindikaw li l-President tal-Qorti kien ta xi parir bil-miktub jew oralment dwar ir-regolamenti in kwistjoni, meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Generali, allura l-allegazzjoni tar-rikorrenti qed tigi meqjusa li hi bbazata biss fuq kongettura u mhux fuq fatti.

---

[3] P.A. (Kost.) VDG 6.10.1994 fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et** (mhix pubblikata)

Decide

Ghaldaqstant, din il-Qorti, qeghdha tichad l-eccezzjoni ta’ rikuza sollevata mir-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb